MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Diċembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 16/2020 LM

**Lilian Fenech (K.I. numru 225968M)**
*("l-appellata")*

***vs*.**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat id-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem "id-Direttur Ġenerali appellant"] mid-deċiżjoni mogħtija fis-6 ta' Frar, 2020, numru 058/20 [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni

appellata"] mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"], li permezz tagħha ddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrenti, hawn appellata, **Lilian Fenech (K.I. nru 225968M)**, għar-raġunijiet hemm imfissra.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tat-13 ta' April, 2018, li jnaqqas minn kull benefiċċju li setgħet kienet qiegħda tirċievi l-appellata bir-rata ta' 30%, is-somma ta' €1,883.31 imħallsa lilha u rappreżentanti Assistenza Miżjuda għall-Wens (ICRA) għall-perijodu li jibda fis-27 ta' Jannar, 2018, u li jispiċċa fis-27 ta' April, 2018. Dan stante li skont l-istess Direttur Ġenerali appellat, l-appellata ma kinitx qiegħda tgħix fl-indirizz mogħti lilu skont dak li ġie kkonfermat minn investigazzjoni li nfetħet mid-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji.

**Mertu**

3. L-appellata istitwiet proċeduri quddiem l-Arbitru fid-9 ta' Mejju, 2018, fejn ikkontestat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant. Id-Direttur Ġenerali appellant min-naħa tiegħu wieġeb fl-14 ta' Frar, 2019, u filwaqt li sostna li l-appell ma kien inqanqal l-ebda punt ta' liġi jew ta' prinċipju ta' importanza u b'hekk kellu jiġi miċħud, irrileva li l-appellata kienet tirċievi l-Assistenza Miżjuda tal-Wens (ICRA), imma minn informazzjoni li rċieva d-Dipartiment u wara l-investigazzjoni appożita, id-Direttur Ġenerali appellant

ma kienx sodisfatt li l-appellata kienet qiegħda tifforma familja għal rasha u/jew kienet qiegħda tabita fl-indirizz mogħti.

**Id-deċiżjoni appellata**

4. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti osservazzjonijiet:

*"Ikkunsidra*

*Illi għalkemm dan il-każ jibbażа fuq kwistjoni ta' kredibilità u fatti li ġew osservati, l-Arbitru jinnota dawn iċ-cirkostanzi. Illi minn dak li qalet fl-istess rapport Caroline Muscat, il-ħwejjeġ intimi tal-appellanta kienu jinsabu ġewwa indirizz ieħor. Illi dan il-fatt waħdu ma kienx jagħmel sens għal persuna li suppost qiegħda tgħix ġewwa indirizz u tieħu ħsieb il-ġenitur tagħha u b'hekk tirċievi għajnuna finanzjara. Illi jekk kien il-każ li hija qiegħda tgħix f'dan l-indirizz wieħed kien jistenna li jkollu dawk l-indumenti neċessarji ta' kuljum u għal bżonnijiet tiegħu. Illi għandu jingħad ukoll li din kienet spezzjoni ta' darba fejn id-Direttorat wasal għal konklużjoni li l-appellanta ma kinitx qiegħda tgħix f'dan l-indirizz. Illi min-naħa tal-appellanta qalet li dak iż-żmien hija kienet qiegdħa għaddejja minn proċeduri ta' separazzjoni minn mar-raġel tagħha, fatt li ma ġiex kontestat min-naħa tad-Dipartiment.*

*Illi l-Arbitru ma jistax ma jarax li din il-konklużjoni li waslu għaliha l-ispetturi tad-direttorat hija bażata fuq spezzjoni waħda u minn dakinhar ma kienx hemm oħrajn. Illi għalkemm wieħed jista' jasal bil-fehma li ma kienx hemm il-ħwejjeġ tal-appellanta allura hi ma kinitx qiegħda tgħix hemm. Illi però din il-konklużjoni waħedha mingħajr ma jittieħdu ċirkostanzi oħrajn tista' twassal għal deċiżjoni arbitrarja. Illi f'dan il-każ għandek diversi persuni li jikkonfermaw li l-appellanta qiegħda tgħix f'dak l-indirizz. Għalkemm min-naħa tal-ispettura waslet għal konklużjoni li ħwejjeġ misjuba ma kienux tagħha iżda prova fiċ-ċert ta' dan ma tresqietx. Illi jidher li dan kollu huwa riżultat ta' fatti li assumew bħala stat ta' fatt.*

*Illi l-Arbitru ma jaqbilx ma' dan it-tip ta' konklużjoni li twassal sabiex twaqqaf benefiċċji jew titlob rifużjoni lura sakemm ma jkunx hemm fatti li ma jistgħux jiġu miċħuda. Illi huwa veru li d-Direttorat mhux Pulizija iżda lanqas wieħed jistenna li*

*tasal għal konklużjoni ta' stat ta' fatt fuq konġetturi. Huwa kien għalhekk li d-Direttorat kellhom jaraw il-fatti kollha tal-każ, b'diversi spezzjonijiet f'ħinijiet differenti u jaraw ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ qabel ma jaslu għal konklużjoni bħal dawn. Huwa minnu wkoll li hemm restrizzjonijiet li wieħed jista' jkollu għal ċirkostanzi bħal dawn però fid-dawl ta' dan l-Arbitru ma jistax jaqbel li konklużjoni għal treġġiegħ u waqfien ta' għajnuna għandha tkun ibbażata fuq ċirkostanza waħda u ċioé spezzjoni ta' darba."*

**<u>L-Appell</u>**

5. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-7 ta' Mejju, 2020, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata u tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-13 ta' April, 2018. Huwa jissottometti li qed iħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex: (a) l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi; u (b) l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi skont il-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

6. L-appellata min-naħa tagħha għażlet li ma tweġibx.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

7. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant flimkien, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata.

8. Qabelxejn id-Direttur Ġenerali appellant jiddikjara li huwa jaf sew li din il-Qorti m'għandhiex tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi. Imma filwaqt li jiċċita diversi siltiet mill-ġurisprudenza in sostenn tal-argument tiegħu, isostni li huwa proprju għaliex il-ġudizzju tal-Arbitru kien wieħed inkomplet u saħansitra errat li huwa kien qed jinterponi appell mid-deċiżjoni appellata. Jgħid li minkejja li kien irriżulta lil l-appellata ma kinitx tirrisjedi fil-fond dikjarat minnha, l-Arbitru għażel li jwarrab il-prova u minflok iddikjara li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant kienet waħda msejsa fuq dak li assumew l-Ispettorat. Id-Direttur Ġenerali appellant jgħid li l-Arbitru straħ fuq tliet riżultanzi li fil-fehma tiegħu ma kinux ireġu għar-raġunijiet li ġejjin: (a) l-*affidavit* tal-aħwa tal-appellata, fejn dawn iddikjaraw li oħthom kienet tgħix ma' ommhom fl-indirizz indikat, iżda din id-dikjarazzjoni ma kinitx tispjega għaliex il-ħwejjeġ personali tagħha ma kinux instabu fil-fond u/jew li l-appellata kienet għaddejja minn proċeduri ta' separazzjoni; (b) ma ngħabet l-ebda prova li l-ħwejjeġ misjuba kienu effettivament tal-appellata, iżda l-appellata stess kienet stqarret mal-Ispettorat li ħwejjiġha ma kienu qatt ġewwa l-fond; (ċ) saret biss spezzjoni waħda, iżda mhuwiex neċessarju li l-ispetturi jmorru iktar minn darba waħda.

9. It-tieni aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant huwa mibni fuq l-ewwel aggravju u jittratta l-liġi applikabbli għall-każ odjern. Hawnhekk filwaqt li jiċċita d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 68 u tas-subartikiolu 108(9) tal-Kap. 318, jissottometti li l-Arbitru mhux biss naqas li jagħmel riferiment għal-liġi applikabbli, iżda naqas wkoll milli japplika dik il-liġi. Barra minn hekk peress li

kien irriżulta qerq da parti tal-appellata, hija wkoll applikabbli l-ewwel parti tas-subartikolu 102(1) tal-Kap. 318 fil-konfront tagħha.

10. Din il-Qorti tibda billi tgħid li bħala qorti ta' reviżjoni, kif sewwa jissottometti d-Direttur Ġenerali appellant, hija mhijiex mistennija tissindika l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti jew tribunal. Iżda dan sakemm ma tirriżultax raġuni serja u impellenti li tiġġustifika l-intervent tagħha, u b'hekk jiġi evitat preġudizzju lil parti jew oħra. Għalhekk huwa d-dmir tagħha li fid-dawl tas-sottomissjonijiet miġjuba mid-Direttur Ġenerali appellant, li hija tagħmel evalwazzjoni tal-apprezzament tal-provi kif magħmul mill-Arbitru u tistabbilixxi jekk dan setax wasal b'mod raġjonevoli u mhux arbitrarju għad-deċiżjoni appellata.

11. Tqis illi l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru huma msejsa fuq il-fatt li jirriżulta mir-rapport konġunt ta' Caroline Muscat u ta' Caroline Vella mid-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji tat-3 ta' April, 2018, li *"...il-ħwejjeġ intimi tal-appellanta kienu jinsabu ġewwa indirizz ieħor".* Għall-ewwel l-imsemmi Arbitru jammetti li jekk l-appellata verament kienet qiegħda tgħix fl-indirizz mogħti lid-Dipartiment, jiġifieri dak ta' ommha, kien mistenni li wieħed *"...jkollu dawk l-indumenti neċessarji ta' kuljum u għal bżonnijiet tiegħu".* Hekk ukoll tgħid din il-Qorti, filwaqt li tosserva li dakinhar tal-ispezzjoni rriżulta b'mod inekwivoku mid-dikjarazzjoni tal-appellanta stess, li l-ebda mill-effetti personali tagħha ma kienu jinstabu f'dak l-indirizz. Dan skont kif xehdet Caroline Muscat mid-Direttorat waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu, 2019 quddiem l-Arbitru, fejn stqarret li fl-imsemmi indirizz ma kien hemm xejn li kien jappartjeni lill-appellata, u dan saħansitra skont l-istqarrija tal-appellata

stess li saret magħhom u riflessa fir-rapport fuq ċitat. Ix-xhieda ta' Caroline Muscat ġiet ikkorraborata mix-xhieda tal-kollega tagħha Caroline Vella, waqt is-seduta sussegwenti tat-2 ta' Mejju, 2019.

12. Filwaqt li l-Arbitru kkritika lid-Direttorat Ġenerali li wasal għall-konklużjoni tiegħu li l-appellata ma kinitx tgħix fl-indirizz inkwistjoni, hekk malajr wara spezzjoni waħda biss, jiddikjara li l-fatt waħdu li hija ma kellhiex ħwejjiġha hemmhekk seta' jwassal għal deċiżjoni arbitrarja. Għalhekk, huwa ħa inkonsiderazzjoni il-fatt dikjarat mill-appellata waqt ix-xhieda tagħha li f'dak il-perijodu hija kienet għaddejja minn proċeduri ta' separazzjoni personali minn mar-raġel tagħha, u ħa wkoll inkonsiderazzjoni d-dikjarazzjoni ta' persuni oħra li kkonfermaw li hija kienet tgħix f'dak l-indirizz. L-Arbitru qal ukoll li wara kollox, ma tressqet l-ebda prova fiċ-ċert li l-ħwejjeġ li nstabu fil-fond ma kinux tal-appellata.

13. Din il-Qorti filwaqt li taċċetta s-sottomissjoni tad-Direttur Ġenerali appellant li ma kienx neċessarju għall-ispetturi tad-Direttorat li jmorru iktar minn darba fl-indirizz dikjarat, tagħraf li fil-każ odjern l-uniku spezzjoni li saret minn dak id-Direttorat waslet għal prova konklużiva u inekwivoka konsistenti fid-dikjarazzjoni tal-appellata stess li hija ma kellha l-ebda effetti personali f'dak l-indirizz. B'hekk ukoll l-Arbitru ma kienx korrett meta qal li ma kienet saret l-ebda prova ċerta li l-ħwejjeġ fil-fond ma kinux jappartjenu lill-appellata. Peress li fil-fehma tal-Qorti l-effetti personali huma indikazzjoni qawwija tar-residenza ta' individwu, b'hekk ma tħalla l-ebda dubju li t-tieni rekwiżit tal-para. (a) tas-subartikolu 68(1) tal-Kap. 318 ma kienx sodisfatt u ma kienx neċessarju li ssir żjara oħra mill-ispetturi. L-allegati proċeduri ta' separazzjoni

personali minn mar-raġel tagħha, u hawn il-Qorti tosserva li qatt ma nġabet prova f'dan ir-rigward, ma kellhom l-ebda effett fuq l-applikabbilità ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi, li huma ċari f'dak li jirrigwarda r-residenza tal-benefiċjarju.

14. Il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tqisx li l-appellata fix-xhieda tagħha bl-ebda mod ma ttentat tirribatti d-dikjarazzjoni magħmula minnha mal-ispetturi tad-Direttorat. Qalet biss li dakinhar li dawn marru għal żjara mhux mistennija fl-indirizz inkwistjoni, hija kellha l-kaxxi tal-kartun lesti u kienet saħansitra wriethom lill-ispetturi. L-ispetturi min-naħa tagħhom innegaw li huma kienu ġew murija xi kaxxi. L-ispettur Caroline Vella żiedet tgħid li kieku dan kien minnu, huma kienu jiftħuhom.

15. Il-Qorti tgħid li d-dikjarazzjoni ġuramentata ta' ħut l-appellata fil-kuntest ta' dan kollu, ukoll mhijiex waħda konvinċenti, kemm għaliex din ma tirriflettix il-fatt li sa ċertu żmien l-appellata kienet għadha qiegħda tgħix mar-raġel tagħha f'residenza oħra, u kemm għaliex dakinhar tal-ispezzjoni, skont dak li tgħid l-appellata stess, hija kienet qiegħda ġġorr l-affarijiet personali tagħha għar-residenza ta' ommha.

16. Il-Qorti tqis li jekk l-appellata kienet diġà qed tieħu ħsieb lil ommha, u dwar dan ma jidhirx li hemm kontestazzjoni, iżda l-intenzjoni tagħha sabiex tgħix magħha wkoll ma kinitx avverat ruħha, il-liġi ma kinitx tintitolha li tirċievi l-benefiċċju inkwistjoni. Iżda kif sewwa issuġġerietilha l-ispettur Caroline Muscat mid-Direttorat kif rifless fix-xhieda tagħha, xejn ma kien iwaqqafha milli terġa' tapplika wara li ġġorr l-effetti personali tagħha għad-dar t'ommha.

17. Għaldaqstant din il-Qorti ssib l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant ġustifikati u tilqagħhom.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tilqgħu, filwaqt li tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata u tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tat-13 ta' April, 2018.**

**L-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem l-Arbitru, kif ukoll dawk ta' din l-istanza, għandhom jitħallsu mill-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**